DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ...............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................   DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

**PAWLU REDUX**

*2 Att, 8 Xena, p.85 (f/F)*

## MELDA

**XEJN MHU TIEGĦEK HAWN!**

Xejn mhu tiegħek hawn! Qed tifhimni? – Xejn iżjed! Taf kemm ili nċempel hawn: ħadd ma jirrispondi telefown? Ħadd? Ġennewni bit-telefonati – u f'nofs il-konferenza!?

Taf kif ġabuni l-pulizija – iċemplu kull ħames minuti?... Kull ħames minuti! Saħansitra heddewni... heddewni... Lili! U proprju – proprju meta tiela' biex naqra l-paper tiegħi, proprju kif tiela, jibagħtu l-pulizija hemm fuq, quddiem kulħadd, biex ikellmuni! Quddiem tliet mitt ruħ – quddiem il-cameras tat-televisions kollha! Waqt li qed jirrekordjaw kollox...

U dan kollu għaliex? Biex intihom sodisfazzjon ta' dak li qed tagħmel int hawnhekk! Tajba, mela kif; jien hemm fuq nipprova nsalva ġieħ dan l-istazzjon, il-ftit ġieħ li baqagħlu, minħabba fik!…

/ MINĦABBA FIK, IVA! U jien hemm fuq nipprova niskużak, nipprova nsalvalek wiċċek, u int titnejjek hawn!

'Qas biss ċans naqra l-paper tiegħi ma kelli! Ġimgħa xogħol... Riċerka, kitba... għal ġieħ wiċċek! *(toħroġ mazz karti mill-briefcase: il-paper)* 'QAS BISS KELMA LI HI KELMA!...X'taħseb? Li int biss taf tikteb? Li tgħid INT biss hu vanġelu? Tajjeb! Jekk ix-xogħol tiegħi ma jiswa xejn, tajjeb… *(iċċarrat il-karti u tarmihom mal-art)* Imma int daqshekk ukoll – ma rridekx aktar hawn ġew!

*Tmur lejn il-plakka fejn hemm ikkunnettjat il-kompjuter u tiġbed il-wajer.* *(<189)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ...............................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p. 85